MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 175/2000/1

**Josephine Carabott mart Ahmed Bounouader minnu legalment separata fil-kwalita' taghha ta' legittima rapprezentanta ta' binha minorenni Alexander.**

**Vs**

**Ahmed Bounouader, Paul Scerri u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fl-10 ta' Awissu, 1995 Josephine Carabott kienet izzewget ma' Ahmed Bounouader u sussegwentement huma sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tat-12 ta' Jannar, 1999.

Premess illi fis-16 ta' Novembru, 1998, waqt illi Josephine Carabott u Ahmed Bounouader kienu separati 'de facto' l-istess Josephine Carabott weldet tarbija bl-isem ta' Alexander, li huwa l-iben naturali tal-konvenut Paul Scerri.

Premess illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tat-12 ta' Jannar, 1999, Josephine Carabott u Ahmed Bounouader kienu ddikjaraw illi miz-zwieg taghhom ma kienx hemm tfal u li t-tarbija Alexander li twieldet fis-16 ta' Novembru, 1988 hija l-wild tal-konvenut Paul Scerri.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara illi t-tifel Alexander Nazzareno Gaetano li twieled minn Josephine Carabott, dak iz-zmien Bounouader, fis-16 ta' Novembru, 1998, m'huwiex iben il-konvenut Ahmed Bounouader, kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 4337 tal-1998, izda huwa l-iben naturali tal-konvenut Paul Scerri, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-imsemmi Alexander Nazareno Gaetano bin-numru progressiv 4337/98 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att sabiex isem il- konvenut Ahmed Bounouader u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija " "professjoni, sengha, jew stat iehor", "eta", "fejn twieldu u joqoghdu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok dawn il-konnotati jitbiddlu ghal "Paul Scerri, Skilled Labourer, ta' 42 sena, imwieled il-Marsa, joqghod Cospicua, iben Gaetano, mejjet " rispettivament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi .

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 21 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici jistghu jigu akkolti biss jekk dawn jinkwadraw ruhhom fi hdan il-provedimenti tal-Kodici Civili;

2. Fil-mertu illi huwa mhux edott mill-fatt li taw lok ghall-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna l-attrici ghandha ggib prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejnha u bejn zewgha fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

4. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju f'kaz li jigu akkolti t-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati mill-att tat-twelid in kwistjoni l-kliem "the said " mil-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm;

5. Illi peress li l-prezenza tal-esponent fil-vertenza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijiet ta' ezegwibilita' tal-gudizzju, huwa m'ghandux ibati l-ispejjez tal-vertenza odjerna ;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenuti l-ohra ma pprezentawx eccezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-degriet a fol 23;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

L-attrici xehdet li wara Dicembru 1995 hija ma baqghetx tghix ma Bounouader u ma kelliex x'taqsam mieghu wara dak iz-zmien. Lill Paul Scerri ilha tafu tlett snin u nofs u wara xaghrejn li saret tafu kienet harget tqila. Kienet tghix mieghu u ghadha hekk sallum. Bounouader kien irrikonoxxa li t-tifel Alex kien wild Paul Scerri (ara Dok a fol 9).

Bounouader xehed ukoll fil-Qorti u kkonferma li miz-zwieg tieghu ma l-attrici ma kellux tfal u li Alex mhux it-tifel tieghu.

Paul Scerri kkonferma dak li qalet l-attrici u qal li Alex huwa t-tifel tieghu u li hu responsabbili ghalih.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attrici qed tmexxi l-azzjoni taghha a bazi ta' l-artikolu 77 tal-Kap 16 li jipprovvdi li "Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it 300 gurnata u l-180 gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".

Fil-kaz in ezami, mill-provi prodotti jirrizulta li t-tarbija twieldet fil 16 ta' Novembru, 1998 mentri r-ragel ta' l-attrici, cjoe l-konvenut Bounouader kien ilu ma jghix maghha minn Dicembru, 1998. Ghalhekk it-talbiet attrici jistghu jigu akkolti ghax dawn jinkwadraw ruhhom fi hdan il-provedimenti tal-Kodici Civili.

Inoltre l-konvenut Bounouader irrikonoxxa, anke permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, li t-tarbija Alexander hija wild Scerri, u anke l-istess Scerri rrikonoxxa li Alexander huwa ibnu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

tiddikjara illi t-tifel Alexander Nazzareno Gaetano li twieled minn Josephine Carabott, dak iz-zmien Bounouader, fis-16 ta’ Novembru, 1998, m’huwiex iben il-konvenut Ahmed Bounouader, kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 4337 tal-1998, izda huwa l-iben naturali tal-konvenut Paul Scerri;

tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-imsemmi Alexander Nazareno Gaetano bin-numru progressiv 4337/98 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att sabiex isem il-konvenut Ahmed Bounouader u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija “ “professjoni, sengha, jew stat iehor”, “eta”, “fejn twieldu u joqoghdu” u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok dawn il-konnotati jitbiddlu ghal “Paul Scerri, Skilled Labourer, ta’ 42 sena, imwieled il-Marsa, joqghod Cospicua, iben Gaetano, mejjet“ rispettivament; u li jigu kancellati mill-att tat-twelid in kwistjoni l-kliem “the said “ mil-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Scerri u l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------